**25 ta' Ġunju, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo. O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Joseph Attard

*versus*

Joseph Rossignaud ne.

**Sigurtà Nazzjonali — Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali — Arbitru — Appell — Art. 19, 41 u 43(1) tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali.**

*Il-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali tistabbilixxi preżunzjoni fis-sens illi aċċident li jiġri fil-kors tal-impjeg ta' persuna assigurata għandu jitqies, fl-assenza ta' prova kuntrarja, li ġara minħabba dak l-impjeg.*

*Mid-deċiżjoni tad-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali, dwar jekk persuna assigurata hijiex intitolata għall-benefiċċju ta' korriment taħt il-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali jingħata appell lill-Arbitru mwaqqaf taħt dik il-Liġi meta d-deċiżjoni tad-Direttur tkun iddeċidiet xi punt ta' liġi jew stabbiliet xi prinċipju ta' mportanza.*

*Deċiżjoni tad-Direttur fis-sens illi talba għal dak il-benefiċċju mhix attendibbli għax fl-opinjoni tiegħu, bażata fuq dik tat-tobba minnu konsultati, il-korriment ma kienx l-effett tal-inċident, bla ebda rifless legali jew ebda assunt jew prinċipju ta' applikazzjoni ġenerali, ma hix, għalhekk, appellabbli quddiem l-Arbitru; u lanqas tagħti lok għad-diskussjoni tal-preżunzjoni fuq imsemmija.*

Dan hu appell minn deċiżjoni tal-Arbitru maħtur taħt l-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali. Dik id-deċiżjoni, l-ewwelnett, ċaħdet l-eċċezzjoni tad-Direttur, issa appellant, fis-sens illi Joseph Attard, issa appellat, ma kellux dritt jappella quddiem l-Arbitru mid-deċiżjoni tiegħu, billi din ma kienetx tqanqal ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta'

mportanza (art. 43(1) tal-Att); u mbgħad irrevokat l-istess deċiżjoni tad-Direttur billi ddikjarat illi l-appellat kien sofra korriment b'disgrazzja li ġrat fil-kors u minħabba l-impjeg tiegħu, u għalhekk hu ntitolat għall-benefiċċju ta' korriment skond l-art. 19 tal-Att;

Fid-deċiżjoni tal-Arbitru jingħad hekk:—

"L-appellant huwa mpjegat bħala 'mess clearner' mal-R.A.F. Luqa. Fit-30 ta' Jannar 1961, filgħodu, waqt li kien fuq ix-xogħol, iġorr xkora patata, żelaq b'saqajh miftuħa, waħda l-quddiem u l-oħra lura. Dak il-ħin ħass weġgħa fl-ingwini l-lemenija, ma felaħx iqum, u għajjat il-sħabu biex jgħinuh. Sħabu ġew u refgħuh, u ġiet ambulanza li ħaditu s-'Sick Quarters' ta' Ħal-Luqa. It-Tabib Joseph Vincenti, li huwa t-tabib tas-Servizz ta' Ħal-Luqa, eżamina l-appellant mingħajr ma ċaqalqu mill-ambulanza, ittestjah ħalli jara kienx hemm xi hernia, però r-riżultat tal-eżami kien negattiv, għalkemm mill-moviment li kien jagħmel l-appellant meta ġie eżaminat mit-Tabib Vinċenti dan jgħid li kien hemm xi 'wincing'. It-Tabib Vincenti rriferixxa l-każ lil St. Luke's Hospital, fejn ġie ntrodott u baqa' sas-6 ta' Frar 1961. It-Tabib Victor Amato jgħid li, meta l-appellant ġie eżaminat f'din iċ-ċirkustanza minnu, il-"groin" sabielu "clear" għal kollox, għalkemm ma jeskludix li f'dak il-mument l-appellant seta' kellu xi hernia li dak il-ħin kienet ridotta. Fit-8 ta' Frar 1961 l-appellant ġie eżaminat mill-"Industrial Injuries Board." Dan il-Bord kellu quddiemu allura ċ-ċertifikat tat-Tabib Vincenti, li kien jgħid li l-appellant kellu "sprain of perineum", u huma tkellmu miegħu relattivament biss għal dan iċ-ċertifikat, u waslu għall-konklużjoni li kien "unfit", skond dak iċ-ċertifikat. F'din iċ-ċirkustanza, ma sar ebda eżami mill-imsemmi Bord sabiex jiġi stabbilit jekk l-appellant f'dik id-data kellux jew le hernia.

"Wara li ħareġ mill-Isptar, l-appellant reġa beda jaħdem. però kien jagħmel xogħol ħafif. Għall-aħħar ta' Marzu, jew il-bidu ta' April, 1961, huwa reġa ħass uġiegħ, dejjem fl-istess post, jiġifieri l-ingwini l-lemenija. Reġa ġie eżaminat mit-Tabib Vincenti. Ġie mibgħut St. Luke's Hospital bħala "out-patient", fejn reġa ġie eżaminat mit-Tabib

Amato, li kkonstata li kellu hernia li kienet għadha fil-kanal ingwinali, u rriferixxa l-każ lill-kirurgu. Intant, fit-22 ta' April 1961 l-appellant reġa ġie eżaminat mill-"Industrial Injuries Board", li sabu li kellu "a right oblique inguinal hernia 1½ inches in length", u ddikjaraw li minħabba l-kobor tal-hernia, fl-opinjoni tagħhom, din kienet teżisti qabel id-data tal-inċident li ġralu fit-30 ta' Jannar 1961, u li għalhekk ma setgħetx kienet kawżata minn dak l-inċident. In bażi għal dan ir-rapport id-Direttur informa lill-appellant, b'ittra li ġġib id-data tat-22 ta' April 1961, li ma kienx intitolat għall-benefiċċju għal korriment, għaliex l-hernia ma kienetx kaġunata minn dizgrazzja li ġrat minħabba u fil-kors tal-impjeg tiegħu. Joseph Attard qiegħed issa jappella minn dik id-deċiżjoni;

"Id-Direttur issolleva preliminarment li Joseph Attard ma għandux dritt jappella mid-deċiżjoni tiegħu, billi din ma tqanqalx ebda punt ta' liġi jew prinċipju ta' mportanza (art. 43(1) tal-Att tal-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali). Din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet imsemmija f'sentenza oħra mogħtija mill-Arbitru (ara sentenza tal-24 ta' Ġunju 1961, fl-appell fl-ismijiet "Anthony Brincat vs. D.E.L.S.W.", u sentenzi hemm riferiti);

"Fil-meritu, ma hemmx kontestazzjoni dwar il-punt li ż-żelqa ġrat fil-kors tal-impjeg tal-appellant, u għalhekk titwieled il-preżunzjoni stabbilita fil-liġi (art. 19(4) tal-Att fuq imsemmi) favur l-appellant, ċjoè li d-disgrazzja li tiġri fil-kors tal-impjeg ta' persuna assigurata għandha titqies ukoll li ġrat minħabba dak l-impjeg, f'nuqqas ta' prova kuntrarja. L-uniku pont għalhekk, li għandu jiġi kunsidrat huwa jekk fil-każ in ispeċje tirriżultax mill-kumpless tal-provi l-prova kuntrarja li twaqqa' l-preżunzjoni stabbilita mil-liġi;

"Fil-fehma tiegħi, wara li ħadt in konsiderazzjoni l-opinjoni tal-assessur mediku li assistieni f'dan l-appell, u ċ-ċirkustanzi riżultanti quddiemi, din il-prova kuntrarja fil-każ in ispeċje ma teżistix, anzi jista' jingħad li l-imsemmija ċirkustanzi sa ċertu pont isaħħu l-istess preżunzjoni. In-

fatti, mix-xhieda tat-Tabib Vinċenti u tat-Tabib Amato jirriżulta li l-hernia ġiet konstata f'April 1961, li l-eżamijiet li ż-żewġ tobba għamlu qabel, ċjoè immedjatament wara d-disgrazzja, taw eżitu negattiv għal dak li jirrigwarda l-hernia. Irriżulta wkoll, sija mix-xhieda tal-appellant kemm tat-Tabib Vinċenti, li dak inhar tad-disgrazzja l-appellant kien ħass uġigħ li ma setgħax ma kienx qawwi, una volta li l-appellant ma felaħx iqum mill-waqgħa jekk mhux bl-għajnuna ta' sħabu. It-Tabib Vinċenti jżid jgħid li mill-atteġġjament tal-appellant u mill-espressjoni ta' wiċċu huwa jaħseb li kien hemm veru uġigħ; u del resto l-istess appellant qal lill-"Industrial Injuries Board" li ħass "a tearing sensation", u l-uġigħ kien "of a severe type". It-Tabib Vinċenti fix-xhieda tiegħu jaġġunġi li fit-30 ta' Jannar 1961 l-appellant ilmenta li kellu dardir u li ppreżenta ruħu quddiemu fi stat ta' "shock", kellu kulur pallidu, u mill-espressjoni ta' wiċċu kien jidher "tense", jiġifieri kien hemm ċertu sens ta' ansjetà";

Issa, fir-rikors tiegħu tal-appell lil din il-Qorti id-Direttur talab illi dik id-deċiżjoni tal-Arbitru tiġi revokata, billi jiġi dikjarat u deċiż illi d-deċiżjoni tal-istess Direttur ma kienetx appellabbli lill-Arbitru; u subordinatament, filmeritu, jiġi dikjarat li l-appellat Joseph Attard mhux intitolat għall-benefiċċju ta' korriment, billi l-korriment ma kienx konsegwenzjali għall-aċċident li ġara minħabba u fil-kors tal-impjieg tiegħu; bl-ispejjeż kollha kontra l-appellat;

L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb illi d-deċiżjoni tal-Arbitru hi ġusta u tistħoqq konferma; bl-ispejjeż;

Din il-Qorti, wara li rat l-inkartament tal-każ u semgħet it-trattazzjoni, ikkunsidrat;

Fuq l-ewwel eċċezzjoni;

Skond l-art. 43(1) tal-Att, mid-deċiżjoni tad-Direttur fuq talba għall-benefiċċju taħt l-art. 41, jingħata appell lill-Arbitru "on any question of law or principle of importance arising in connection" ma' dik id-deċiżjoni;

Din il-Qorti jidhrilha, bir-rispett kollu għall-Arbitru, illi meta rritjena li d-deċiżjoni tad-Direttur kienet appellabbli lejgħ ma mpustax il-kwistjoni fit-termini veri tagħha. Dan hu każ fejn l-appellat kien jippretendi illi (1) hu sofra aċċident, ċjoè żelqa, (2) liema aċċident ġara fil-kors u minħabba l-impjeg tiegħu, (3) u bħala konsegwenza ta' dak l-aċċident hu sofra korriment personali, ċjoè hernia. Id-deċiżjoni tad-Direttur ma kienet bl-ebda mod tinnega l-(1) u (2) mit-tliet propożizzjonijiet hawn fuq imsemmija; dak li nnegat kienet biss it-(3) propożizzjoni. Fi kliem ieħor, il-kontestazzjoni bejn id-Direttur u l-appellat ma kienetx jekk iż-żelqa li sofra l-appellat kienetx tikkostitwixxi "accident" fis-sens tal-liġi, jew jekk dak l-"accident" kienx ġara lill-appellat fil-kors u minħabba l-impjeg tiegħu. Dan kollu kien ammess u rikonoxxut mid-Direttur. Il-kwistjoni li kien hemm bejniethom, u li ġiet mbagħad deċiża mid-Direttur sfavorevolment għall-appellat, kienet biss jekk l-hernia kienetx ġiet kawżata b'dak l-aċċident. It-tobba (ċjoè Dr. Naudi, Dr. Attard u Dr. Apap) li d-Direttur kien ikkonsulta skond l-art. 41, wara li kienu eżaminaw l-appellat fit-22 ta' April 1961, kienu waslu għall-konklużjoni illi "in view of the size of the hernia we are of opinion that the hernia must have been antecedent to the date of the alleged accident", u kwindi kienet "not attributable", ċjoè mhux kaġunata minn dak l-aċċident. Kien biss għal din ir-raġuni illi d-Direttur irriġetta t-talba tal-appellat għall-benefiċċju ulterjuri, u fuq dik ir-raġuni biss kienet motivata d-deċiżjoni tad-Direttur;

Minn dan isegwi, fil-fehma tal-Qorti, illi l-appell minn dik id-deċiżjoni ma setgħax kien fuq punt ta' liġi, u wisq anqas fuq xi prinċipju mportanti. Kienu ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, u l-opinjoni tat-tobba fuq il-konstatazzjonijiet li għamlu fih, li ddeterminaw dik id-deċiżjoni, bla ebda rifless legali jew ebda assunt jew prinċipju ta' applikazzjoni ġenerali;

Għalhekk il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ ma kienx hemm lok għad-diskussjoni tal-preżunzjoni stabbilita fl-art. 19(4). li jgħid:— "For the purposes of this Act, an accident arising in the course of an insured person's employment shall be deemed, in the absence of evidence to the

contrary, also to have arisen out of that employment". Sewa' jkun hemm lok għal dik id-diskussjoni li kieku l-kwistjoni kienet jekk, meta l-appellat żelaq, hu kienx waqt isservizz jew impjeg tiegħu, jew jekk iż-żelqa kienetx konnessa ma' dak ix-xogħol jew impjeg, b'mod li seta', skond il-liġi, jingħad li l-accident ġara mhux biss fil-kors, iżda wkoll minħabba l-impjeg. Iżda, kif ġa ntqal, din ma kienetx il-vera kwistjoni. Il-kwistjoni kienet jekk l-hernia ġietx prodotta jew kawżata dak inhar b'dak l-aċċident inkella kienetx dak inhar diġa' teżisti, u kwindi ma kellhiex x'taqsam miegħu;

L-Arbitru bbaża d-deċiżjoni tiegħu dwar l-appellabbilità fuq preċedenti oħra tiegħu li fihom tinsab ċitata ġurisprudenza tal-Qrati Ingliżi fuq liġijiet analogi. Iżda dik ilġurisprudenza, meta tiġi applikata għall-vera kwistjoni kif issa kjarifikata minn din il-Qorti, ma ssostnix il-konklużjoni tal-Arbitru, imma aktarx hi f'sens kuntrarju. Infatti, mill-bran riportat mill-ktieb Willis's Workmen's Compensation, ċitat mill-Arbitru fil-każ "Elia Pace vs. D.E.L.S.W." (li hemm kopja tagħha fil-proċess), il-Qorti jidhrilha illi l-parti li hi verament rilevanti hi biss dik li tgħid illi "The question of the existence of the personal injury and of its cause or causes is one of fact". Dak li jingħad dwar il-kwistjoni "whether such cause or causes amount to an accident within the meaning of the Act", u "whether the accident arose out of and in the course of the employment", ma jidherx, għar-raġunijiet li ġa ntqalu, li hu rilevanti għallkaż preżenti;

Fl-istess awtur jingħad, bnadi oħra wkoll, illi l-kwistjoni tal-kawżalità, ċjoè jekk l-"injury" ġratx bl-aċċident in diskussjoni, hi mera kwistjoni ta' fatt. Hekk, p. 149:— "Whether the injury has been caused by the alleged accident is a question of fact." P. 263:— "Whether incapacity has resulted or continues from the injury, and the amount of incapacity, are questions of fact". P. 21:— "The cause of the injury or death is a question upon which the finding is of fact". U fuq dan ma jidherx li hemm dissens;

Għal dan il-motivi din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, fis-sens li tiddikjara illi d-deċiżjoni tad-Direttur ma kienetx appellabbli lill-Arbitru; u f'dan is-sens tirrevoka d-deċiżjoni issa appellata. L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa.